**Dr Robert Abela**
**Il-Prim Ministru ta' Malta**
**Il-Berġa ta' Kastilja**
**Il-Belt Valletta**
**14/5/2021**

**Re: Twessigħ tat-Toroq f'Ħal Luqa**

**Għażiż Prim Ministru,**

Qegħdin niktbu din l-ittra sabiex inwasslulek it-tħassib tagħna dwar it-twessiegħ tat-toroq u l-bini ta' flyovers li qed jiġu proposti f'Ħal Luqa (PA/04721/20), u b'mod speċjali t-twessigħ fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa (Node WA 23).

L-ewwel nett, l-istudju li sar rigward it-traffiku fid-dikjarazzjoni tal-proġett tal-ERA ma turix stampa ċara tal-benefiċċji għat-traffiku li se jġib dan il-proġett estensiv. Filwaqt li nifhmu li b'dan il-proġett il-fluss tat-traffiku jista' jitjieb, nixtiequ nistaqsu jekk dan l-gwadann jiġġustifikax it-telf tal-art agrikola li se tiġi meħuda mingħandna.

Aħna – residenti taż-żona u oħrajn li s'issa għadhom iqattgħu l-maġġoranza tal-ħin liberu tagħhom f'dawn l-akkwati – nafu li t-traffiku attwali li għaddej fiż-żona huwa baxx ħafna, anke fl-iżjed ħinijiet intensivi tal-ġurnata. Għalhekk naħsbu li m'hemmx bżonn jiżdiedu l-karreġġjati, u għandna wkoll dubji kbar rigward l-ħtieġa għall-mina li tagħti għal Ħal Qormi. Dan hu evidenti bħalissa hekk kif parti kbira mit-traffiku għaddejja min toroq alternattivi.

It-twessiegħ ta' Vjal l-Avjazzjoni sa Triq San Tumas u l-bini ta' flyover jista' faċilment jiġi evitat billi jsiru modifiki ħfief. Ma hemm bżonn ebda bini ta' toroq ġodda jew kostruzzjonijiet oħra.

Niġbdulek l-attenzjoni wkoll għall-fatt li wħud mill-firmatarji ta' din l-ittra diġà ttieħdulhom xi artijiet fil-passat. Ninsabu wkoll imħassbin bil-mod kif qed isiru l-esproprjazzjonijiet, speċjalment fid-dawl ta' rapport fil-midja fejn rajna li bosta sidien tal-artijiet baqgħu ma rċevew ebda kumpens tal-art li tilfu fl-aħħar ftit snin. Filfatt, uħud minna baqgħu ma rċevew xejn tal-art li ttieħdet meta reġgħet inbniet Triq il-Kunsill tal-Ewropa.

Dawn it-toroq se jisirqulna l-possibbiltà li ngawdu artna bħala bdiewa u familji, kif ukoll se jtellfu l-wirt tagħna għal min ġej warajna.

Bħalissa, l-art qed tintuża sabiex nitimgħu lill-familji tagħna, b'prodotti purament Maltin li jtejbu l-għajxien tagħna u li ngħixu minn fuqhom. Nixtiequ għalhekk inkunu nafu jekk, f'każ li jiġi approvat il-proġett, aħniex se nirċievu kumpens għal dawn l-ispejjeż ġodda li l-familji tagħna se jġarrbu fil-ġejjieni.

Barra minn hekk, f'laqgħa li kellna ma' xi persunal ta' Infrastructure Malta, deher ċar li min qed imexxi l-aġenzija diġà ddeċieda li kollox ser isir kif jgħid hu, minkejja li l-art hija tagħna u la tajna permess lil ħadd jidħol fiha, u lanqas tawna indikazzjoni ta' x'kumpens se nieħdu bħal pereżempju, art f'post ieħor.

Uffiċjali ta' Infrastructure Malta bdew jipprovaw jiġġustifikaw dan it-teħid ta' art minħabba l-korsija tar-roti. Madankollu, kulħadd jaf li l-ispazju għal din il-korsija minn dejjem kien hemm, u li t-twessiegħ li sar tul l-aħħar snin dejjem sar biex jiġu akkommodati l-karozzi. Din il-korsija tar-roti ser tieqaf ħesrem ma' Triq il-Gudja.

Qiegħdin għalhekk nitolbuk, fi spirtu ta' fiduċja, sabiex tintervjeni minnufih f'din il-kwistjoni u tiddefendi wkoll l-interessi tagħna bħala ċittadini u eletturi. Nittamaw li nirċievu risposta mingħandek, ġaladarba l-bibien kollha li ħabbatna – mill-Planning Authority sa Infrastructure Malta – sibnihom magħluqin f'wiċċna.

Dejjem Tiegħek,

A. Costa 846054 M

R. P. Galea 0523692M

P. Costa 606954M

D. Galea 0540682M

C. Costa 023482 M

C. Galea 0580364M

A. Costa 058281

P. Agius 0680128M

I. Costa 193586M

C. Agius 0488135M

G. Costa 744731M

T. Scerri 0724961M

J. Bondin 725731M

P. Scerri 0655557M

I. Bondin 234687M

W. Cassar 0624963M

C. Bondin 878452M

G. Cassar 078567M

D. Baldacchino 299751M

P. Fenech, 0116062M

F. Baldacchino 245549M

J. Fenech, 0767259M

A. Baldacchino 541679M

C. Fenech, 0048687M

S. Baldacchino 382871M

J. Celebi, 0408888M

S. Said 170562M

C. Fenech, 0705330M

E. Said 158061M

M. Cachia 715148M

S. Said 266293M

F. Cachia 219844M

R. Said 281097M

S. Cachia 46885M

M. Schembri 694946M

A. Cachia 328886M

A. Cassar 049436M

A. Cassar 392437 M

A. Cassar 647561 M

W. Cassar 023504 L

Y. Spiteri 334608L

T. Cassar Meli 0334804L

A. Mizzi 361001L

C. Marsh 314026M

J. Spiteri 174375M

G. Busuttil 542473M

M. Spiteri 41960 L